



Brussell, 16 ta' Settembru 2020  
REV1 – tissostitwixxi l-avviż bid-  
data tal-21 ta' Marzu 2019

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-KONTROLL TAL- ESPORTAZZJONI TA' OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>3</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>4</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Fi kwalunkwe każ, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C hawn taħt).

#### **Avviż lill-partijiet ikkonċernati:**

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-persuni li jinneozjaw oġġetti b'użu doppju huma b'mod partikolari rakkomandati li:

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

<sup>4</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- jieħdu nota li l-vjeġġi ta' oġġetti b'użu doppju elenkati mill-UE lejn ir-Renju Unit se jkunu soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni;
- ma jibqgħux jiddependu fuq liċenzji mir-Renju Unit għal vjeġġi mill-UE lejn pajjiż terz;
- ma jibqgħux jiddependu fuq liċenzji maħruġa mill-awtorità rilevanti tal-liċenzji fi Stat Membru għall-esportazzjoni ta' oġġetti li jinsabu fir-Renju Unit lejn pajjiż terz ieħor wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; kif ukoll
- Ifittxu aktar informazzjoni mill-awtorità tal-liċenzji kompetenti tagħhom<sup>5</sup> rigward it-trattament ta' xenarji rilevanti ta' esportazzjoni mit-territorju doganali tal-UE lejn ir-Renju Unit li jseħħu wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

#### **Innota li:**

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- Ir-regoli tal-UE dwar il-proċeduri doganali;
- kontrolli tal-esportazzjoni oħrajn, mhux relatati ma' oġġetti b'użu doppju

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew avviżi oħrajn jew ġew ippubblikati<sup>6</sup>.

Barra minn hekk, qiegħda tinġibed l-attenzjoni lejn l-avviż aktar ġeneriku dwar il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet, fosthom il-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni.

### **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju<sup>7</sup> ma jibqax japplika għar-Renju Unit<sup>8</sup>. Dan iwassal, b'mod partikulari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

#### **1. ESPORTAZZJONIJIET TA' OġġETTI B'UŻU DOPPJU LEJN IR-RENJU UNIT**

Ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 jipprovdi għall-kontroll tal-esportazzjoni, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju. Wara tmiem il-perjodu ta'

<sup>5</sup> Lista tal-awtoritajiet kompetenti tal-liċenzji fl-UE tinsab fuq <https://ec.europa.eu/trade/import-and-export-rules/export-from-eu/dual-use-controls/>.

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt)

<sup>7</sup> ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

<sup>8</sup> Dwar l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

tranżizzjoni, il-kontrolli skont ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 se japplikaw b'rabta mal-esportazzjonijiet lejn ir-Renju Unit.

## **2. LIĊENZJI TAL-ESPORTAZZJONI MAĦRUĠA MIR-RENJU UNIT SKONT IR-REGOLAMENT (KE) NRU 428/2009**

Il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit skont ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 ma għadhomx validi għall-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju mill-UE lejn pajjiżi terzi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Minflok, tali esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju mill-UE lejn pajjiżi terzi se jeħtieġu liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru relevanti tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

## **3. LIĊENZJI TA' TRASFERIMENT INTRA-UE LEJN IR-RENJU UNIT MAĦRUĠA QABEL IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 428/2009, ċerti oġġetti b'użu doppju li huma sensitivi ħafna, elenkati fl-Anness IV għar-Regolament, huma soġġetti għal kontrolli ta' trasferimenti intra-UE. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, trasferimenti preċedenti ta' oġġetti tal-Anness IV mill-UE lejn ir-Renju Unit se jikkostitwixxu esportazzjoni soġġetta għal awtorizzazzjoni skont it-termini u l-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

Madankollu, il-liċenzji ta' trasferimenti intra-UE maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE għal trasferimenti lejn ir-Renju Unit maħruġa qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jsiru liċenzji validi għall-esportazzjonijiet lejn ir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u sakemm tiskadi l-validità tal-liċenzja.

## **B. ID-DISPOŻIZZJONIJET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ**

### **1. MOVIMENTI KURRENTI TA' OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU**

L-Artikolu 47(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, il-movimenti ta' merkanzija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iridu jitqiesu bħala movimenti fl-Unjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-liċenzjar tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fid-dritt tal-UE.

**Pereżempju:** Oġġett b'użu doppju, li l-moviment tiegħu għadu għaddej bejn l-UE u r-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni xorta jista' jidħol fl-UE jew fir-Renju Unit abbażi tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 428/2009 applikabbli għat-trasferimenti.

### **2. MATERJALI FISSILI SPEĊJALI (L-ARTIKOLU 86 TAT-TRATTAT EURATOM) PREŻENTI FIT-TERRITORJU TAR-RENJU UNIT FI TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Skont l-Artikolu 83(1), (2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, materjal fissili speċjali (jiġifieri proprjetà materjali tal-Komunità skont l-Artikolu 86 tat-Trattat Euratom) li jkun preżenti fit-territorju tar-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jsir il-

proprietà tal-persuni jew l-impriżi li kellhom dritt illimitat għall-użu u l-konsum fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>9</sup>.

Skont l-Artikolu 83(3)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, meta dan id-dritt ikun ma' Stat Membru, jew ma' persuna jew impriża stabbilita fi Stat Membru, l-esportazzjoni ta' dan il-materjal lejn pajjiż terz għandha tiġi awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 428/2009.

### **C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq<sup>10</sup>. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>11</sup>.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jagħmel ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu li l-Irlanda ta' Fuq tiġi ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru fir-rigward ta' ċerta leġiżlazzjoni<sup>12</sup>.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li d-Direttiva 2014/28/UE u r-Regolament (UE) 428/2009 japplikaw għar-Renju Unit u fih, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq<sup>13</sup>.

Dan ifisser li referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehemu bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Vjeġġi ta' oġġetti b'użu doppju mill-UE lejn l-Irlanda ta' Fuq, u viċi versa, huma trasferimenti intra-UE għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 428/2009;
- Vjeġġi ta' oġġetti b'użu doppju mill-Irlanda ta' Fuq lejn pajjiż terz jew lejn il-Gran Brittanja huma esportazzjonijiet għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 428/2009. F'dak il-każ, l-awtorità maħtura tar-Renju Unit għandha taġixxi

---

<sup>9</sup> Il-kunċett ta' "proprietà" fl-Artikolu 86 tat-Trattat Euratom m'għandux jiġi konfuż mal-kunċett ta' "proprietà" fil-liġi ċivili (sjieda "sui generis" tal-Euratom ta' Materjali Fissili Speċjali fil-Komunità Euratom).

<sup>10</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>11</sup> Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>12</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>13</sup> L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 47 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

bħala awtorità kompetenti għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009<sup>14</sup>.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- tipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni<sup>15</sup>;
- jinwokaw rikonossiment reċiproku ta' valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq<sup>16</sup>.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq skont ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 ma tistax tiġi invokata għal vjeġġi ta' oġġetti b'użu doppju minn Stat Membru lejn pajjiż terz.

Is-sit web tal-Kummissjoni (<http://ec.europa.eu/trade/import-and-export-rules/export-from-eu/dual-use-controls/>) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-kontroll ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ

---

<sup>14</sup> L-obbligu fir-Regolament (KE) Nru 428/2009 huwa meħtieġ mill-obbligi internazzjonali tal-Unjoni (il-Grupp Awstralja tal-1985, l-Arranġament ta' Wassenaar dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju tal-1996, il-Grupp ta' Fornituri Nukleari tal-1974, ir-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili tal-1987, il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi tal-1972, il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi tal-1993, it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari tal-1968, cf. l-Artikolu 6(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>15</sup> Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>16</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.